TARXIEN

Il- laqgħa Nru 48/06 tas-Sitt Leġislatura 2008-2013
**saret nhar**
**it-Tlieta 28 ta' Awissu 2012 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
**f'73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien**

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sur C. Lanzon | Kunsilliera |
| Is-Sinj. L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur F. Chircop | A/ Segr. Eżekuttiv |

**Skuzata:-**

| | |
|---|---|
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |

## Aġenda:-

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti.
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Hlasijiet.
4. Inawgurazzjoni tax-Xelter tal-Gwerra.
5. Approvazzjoni tat-Tender No. TLC007/2012-Resurfacing.
6. Rapport mill-Kunsilliera
7. Ħwejjeg oħra.

Għeluq tal-Laqgħa

IS-SINDKU QAL IT-TALBA U PPRESIEDA L-LAQGĦA

1 ***Qari u Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-laqgħa tas-seduta 47 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew ċirkulati minn qabel.Wara li l-minuti ġew approvati unanimament, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill- Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Frans Chircop.

Approvazzjoni tal-minuti

Il-laqgha bdiet fis-5.45pm.

2 ***Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)***

Is-Sindku Paul Farrugia beda biex spjega l-minuti tal-laqgha precedenti. Huwa qal li x-xoghol fuq il-progett tal-ERDF mixi b'ritmu tajjeb, "illum tkompla xoghol fuq il-paviment ta'hdejn it-tempji u l-bierah tlabt lill kontrattur jghidilna fejn wasal halli naraw x'jonqos hekk kif titlesta l-bakina". Is-Sindku kompla jghid issa jonqos il-Gazebo, titranga l-giebja ghax hemm suspett li qieghed jonqos l-ilma, l-main switch u *l-earthing system.*

Komunikazzjoni u korrispondenza.

Huwa kompla jispjega li rigward il-giebja, Il-kuntrattur intalab biex ibattal l-ilma u jdura b'materjal apposta halli ma'jibqax johrog l-ilma. Is-Sindku kompla jghid li sa, dalghodu, huwa kellu laqgha mal-kuntrattur biex ikellem lill tal-Water Services, halli fin-naha tac-cimiterju, fejn hemm pajp tal-ilma ghaddej- dan jiddahhal go pajp tal-50 pulzier biex b'hekk meta jkun hemm il-hsara ma'tinqalghax l-art imma kemm jingibed u jinbidel bla xkiel ta'xejn. Rigward il-bankina ta'quddiem il-lattrina, gara li peress li l-perit tal-Kunsill kien zieda mall-progett, qed jghidulna li din l-istess bankina ma'tidhirx fil-permess tal-progett. Li jonqos biex jitkompla l-ahhar fazi huwa biss li nistennew il-ko-finanzjament tal-progett. Is-Sindku Paul Farrugia kompla jispjega li ma' kull invoice li l-Kunsill ihallas ukoll 15% ohra. Sa issa minn diga hadna zewg pagamenti li ghaddew lill kuntrattur tal-progett, pero bhala Kunsill ma ghadna ma' hadna xejn. Minkejja dan is-Sindku kompla jghid li fil-futur qarib ser jehel ukoll il-hadid madwar l-istatwa.

Xogholijiet f'Hal Tarxien.

Is-Sur Lawrence Bonavia spjega li ser ikollu jhalli l-laqgha minhabba li ghandu mpenn iehor. Huwa halla l-laqgha fis-6.20pm.

Skuzat.

Rigward il-permess biex isir il-pavimentar fiz-zona tal-housing, is-Sindku nforma lill Kunsill li hareg. Kif hareg il-permess tal-MEPA s-Sindku avza lill kuntrattur halli min naha tieghu jinforma lill MEPA biex ikun jista'jibda x-xoghol. Kellna risposta lura li ma hemmx bzonn jinbidlu l-pajpijiet tal-WSC.

Dwar l-iskema tal-PPP- is-Sinku kompla jispjega li nhar it-tnejn li gej ghandu jibda x-xoghol fuq it-toroq. Id-dewmien mhux mistenni, kien minhabba li l-kuntrattur waqt li qieghed igorr il-makna kellu hsara fil-high loader u nizlet il-makna bil-konsegwenza li din garrbet xi hsarat. Kif il-hsara tissewwa jibda x-xoghol fuq Triq Lanzon.

Is-Sindku kompla jgħid li rigward ix-xogħol fuq it-toroq għandu jsir meeting mall-Perit tal WSC biex ningħataw aktar dettalji fuq il-mains tal-ilma skont il-lista ta' toroq kif indikat mill-Kunsill. Hawnhekk is-Sindku spjega li kien hemm daqsxejn ta' argument mat-TM minħabba l-lista ta' prijorita tat-toroq. Xogħol fuq it-Toroq (PPP).

Ix-xogħol f'Joan Garden tlesta u kull ma'jonqos hija l-Gazebo tan-nofs. Sqaq Santa Marija bil-lest u xogħol fuq il-blokki tal-Gvern (It-tender tal-Housing) dalwaqt jitlesta kollu. Rigward l-issue tal-*Mosquito Device* s-Sindku Paul Farrugia nforma lill Kunsill li skont l-istruzzjonijiet tad-Direttur tal-Kunsilli Lokali ntfiet. Hawnhekk, il-Kunsillier Ismael Dalli qal li reġa kien hemm xi residenti li lmentaw minħabba l-istorbju. Is-Sindku kompla jgħid li f'dan ir-rigward huwa kellu għal diversi drabi jirraporta lil-pulizija minħabba tabelli li qed jigu mkissra u għalkemm qiegħed isir ħafna vandaliżmu l-ħaddiema tal-Kunsill reġgħu għal darba oħra naddfu u ħaslu l-funtana. Hawnhekk intervjena l-Viċi Sindku Frans Agius fejn qal li kif ġew l-affarijiet, ġara li l-Kunsill qisu ħares id-drittijiet tal-vandali u d-drittijiet tar-residenti ntesew meta ntfiet il-*Mosquito Device*. Is-Sindku qabel miegħu u saħaq li "erġajna dawwarna l-arloġġ lura u ġejna kif konna qabel". Is-Sindku qal li ser jieħu r-ritratti tal-ħsara li qed issir, tat-tabelli mkissra, tħażiż fl-art u ħmieġ u jikteb lill *media*. Il-Kunsillier Ishmael Dalli qal li jaqbel li jittieħdu ritratti biex jintbgħatu lil *media* u ngħidu x'kien intefaq mill-Kunsill fuq il-ġnien li sewa madwar mitt-elf lira Maltin. Xogħol f'Joan Garden. Mosquito Device ntfiet.

Il-każ tal-eks segretarju ingħalaq u ser jieħu l-pagament dovut lilu kif kien irrakkomandat mill-Ombudsman. Is-Sindku kompla jispjega li d-dipartiment reġa kiteb lill Kunsill fuq il-każ tar-roundabout tal-lastiku li kienet inxtrat xi tlitt snin ilu u li huwa personalment kellu jitla l-qorti u saħansitra kellu jidher fid-depot tal-pulizija. Huwa kompla jispjega li meta ġara l-każ tar-roundabout - lanqas biss kien Malta. L-eks segretarju tħallas ta'kollox.

3 ***Approvazzjoni tal-iskeda tal-hlasijiet.*** Skeda tal-hlasijiet.

Ġew approvati l-pagamenti kollha kif imniżżla fuq l-iskeda tal-ħlasijiet u magħhom żdiedet oħra tar-Road Maintenance Ltd li waslet propju qabel il-laqgħa.

4 ***Inawgurazzjon tax-Xelter tal-Gwerra.*** Xelter tal-Gwerra.

Is-Sindku ta' spjegazzjoni tal-porgramm tal-attivita' tax-xelter. Il-Viċi Sindku saħaq l-importanza li fl-attivitajiet nibdew nirriservaw is-siġġijiet. Keith Darmanin qabel, u issuġġerixxa biex jinżammu siġġijiet riservati għal-Kunsilliera u ngħamlu RSVP ħalli jirrispondu l-Kunsilliera. Għaldaqstant il-Kunsill kollu qabel biex kull stedina li jkollna nibdew nibgħatu email u naraw minn hu ġej għal-kull attivita. Is-Sindku Paul Farrugia kompla jispjega l-programm tal-attivita - fejn ser jinġiebu vetturi kbar fil-pjazza quddiem il-knisja – vetturi żgħar wara l-knisja u armamamenti wkoll. Ser isir ukoll re-enactment ta' żmien il-gwerra u qal ukoll li kellu jintalab il-permess tal-pulizija peress li ser jisparaw il-*blanks*. Apparti din is-Sindku qal li ser tingħata tifkira tal-okkazjoni lill parteċipanti kollha. Ser jingħataw ukoll drinks u snacks għal min ser ikun qed jgħin fl-attivita.

Filgħaxija ser jitwaqqaf Big Screen halli jintwera filmat tal-gwerra u s-Sur J. Farrugia ser jikteb siltiet fuq żmien il-Gwerra . Kunsillier Ishmael Dalli staqsa jekk hemmx xi anzjan li jkun jista' jirrakkonta esperjenza ta' żmien il-gwerra u s-Sindku wieġeb li is-Sur Alfred Massa ser jikteb poeżija tal-okkażjoni wkoll. Pero is-Sindku għandu javviċina lis-Sur Karmenu Mercieca biex jagħti l-esperjenza tiegħu ta' zmien il-Gwerra. Għall-okkażjoni għandu jindaq il-*Last Post* min persuna waħda u għaldaqstant din l-okkazjoni jmiss lit-tifel tas-Sur Lawrence Bonavia. Għall-okkażjoni ser jintbgħatu nviti lill għaqdiet kollha, membri parlamentari taż-żewġ naħat u kandidati. Hawnhekk il-Viċi Sindku – Frans Agius staqsa jekk hux ta'min nistaqsu waħda mill-impjegati tal-Kunsill biex tgħin fl-attivita ħalli tkun *usher*. Il-Kunsill qabel fuq dan u l-ħaddiema għandhom jigu mitluba biex jattendu ħalli jgħinu fl-okkażjoni.

Programm tal-inawgurazzjoni tax-xelter.

Fuq il-proġett ser jinġabru kwotazzjonijet għax-xogħol tal-ħadid li jdawwar il-bandli.

Xoghol ta' hadid b'konnesjoni mall-progett.

Rigward il-ħsara fid-dawl f'xi nħawi ta' Ħal Tarxien wara l-maltemp ta' dan l-aħħar is-Sindku nforma lill Kunsill li kien ġie l-engineer tal-Enemalta li ħa ħsieb u tranġaw kollha. Kompla jgħid ukoll li r-rampi fit-tarf tal-bankina fi Triq Kurunell Mass tlestew ukoll.

Hsara fid-dawl tat-toroq madwar Hal Tarxien.

Is-Sindku kompla l-laqgħa billi spjega li hemm talba fuq l-arranġamenti tat-toroq jew proposti u pjanijiet fuq Palm Street u Lorenzo Gonzi. Irċevejna mill-Mepa biex nissottomettu l-proposti bħala Kunsill għall din iż-żona. Is-Sindku qal li ilhom hemm il proposti minn żmien l-Onor Mugliett. Ġejna mitluba min kien il-perit dak iż-żmien. Għaldaqstant għandhom jintbgħatu d-dettalji li għandna fil-Kunsill li jmorru lura dak iż-żmien.

Il-ħatra tal-iskrivana l-ġdida tlesta billi ntgħazlet is-Sinjura Isabelle Formosa. Rigward il-bring–in-sites, il-kuntrattur intalab biex jerġa jbattal li skips.

Skrivana gdida.

Għall-darba oħra u rigward id-devoluzzjoni tal-art f'ta' l-Qala trid issir l-applikazzjoni.

Ġejna mitluba lista ta' toroq li għadhom ma' sarux f'Hal Tarxien. Is-Sindku spjega li ġa ingħatat il-lista lill minn hu konċernat.

Íl-Kunsill qabel, li għandu jsir briefing jew seminar ta' informazzjoni lill-ħaddiema klerikali tal-Kunsill fuq il-postijiet storiċi ta' Ħal Tarxien. Għaldaqstant kif jitlesta l-proġett tal- ERDF il-ħaddiema għandhom ikunu mgħarrfa bil-potenzjal li joffri Ħal Tarxien fir-rigward tad-diversi siti storiċi. L-għan aħħari huwa li jkun jista' jingħata aktar tagħrif dettaljat fuq Ħal Tarxien.

Briefing lill haddiema tal-Kunsill.

***Korrispondenza***

Is-Sindku Paul Farrugia tkellem li rċieva ittra mingħand is-segretarju -Tarxien Rainbows. Is-Sindku qal li rċevejna rapport li hemm ħafna żibel fejn il-*bring-in-site*. Il-barman tar-Rainbows FC. qal li jaf min ħareġ iż-żibel li ġie rapportat mill-Kunsilliera Doris Vella. Huwa qal li ħarġu ħafna żibel għax naddfu ġewwa u ż-żewġ kaxxi għamlu lejl barra quddiem in-nursery wara li ma' marrux jiġbruh. Huwa skuża ruħu tal-inkonvenjent li ġie kaġunat.

Ilment fuq bring-in-site.

Is-Sindku qal li għal-Pjazzetta Santa Marija ġew ordnati l-balavostri tal-ġebel biex jinbidlu dawk li hemm b'urġenza, għax hemm periklu kbir li jweġġ xi ħadd.

Is-Sindku kompla jispjega li saret talba mill-anzjani li jiġu l-berġa. Dawn talbuh biex jeħel bank fejn ipoġġu biswit l-istess berġa u f'dan ir-rigward kien hemm kunsens mill-Kunsill kollu.

Xoghol f'Ħal Tarxien

5 ***Tender tar-resurfacing.***

TLC 007/2012

Is-Sindku qal li ntefgħu erba' tenders b'kollox. L-irħas waħda kienet immarkata mill-Perit tal-Kunsill, pero billi kien hemm diversi items differenti kif ġew kwotati min dawn li tefgħu t-tenders. Kien hemm intervent mingħand il-Vici Sindku, fejn staqsa jekk hemmx indikat dawk l-items l-aktar li l-Kunsill hemm ħsieb li jkollu bżonn, gie maqbul mis-Sindku li hemm bzonn jerġa' jdur l-items għax ma hemmx indikat liema huma l-irħas skont kif kiteb il-perit. Sar il-bdil biex is-Sindku stess jara dawn l-items kif ġew kwotati u issir l-għażla fid-dawl ta' dawn l-items li l-aktar hemm mil-ħsieb li jintuzaw fit-tiswija tat-toroq f'Ħal Tarxien.

**Rapport tal-Kunsilliera.**

6 **Frans Agius**. Il-Viċi Sindku Frans Agius spjega li peress li l-attivita Mużiko-Letterarja kienet ġiet posposta minħabba l-funeral tal-Perit Dom Mintoff, din l-istess attivita mistennija ssir il-ġimgha ta' wara bl-istess porgramm kif kien maħsub.

**Kieth Darmanin**. Il-Kunsillier Darmanin beda biex spjega li l-programm tan-Neighbourhod Watch issa wasal fl-aħħar. L-aħħar żona bin-numru 26 tlestiet ukoll, u għalhekk għandna Ħal Tarxien kollu. Huwa kompla billi ta' spjegazzjoni fuq l-introduzzjoni tal-kors tal-Aerobics u qal ukoll li dawk li attendew apprezzaw iċ-ċertifikat li ingħata kif ukoll it-token b'apprezzament li ingħatat lill instructor tal-Aerobics.

**Ishmael Dalli**. Il-Kunsillier Dalli spjega li bħalissa għaddej bi promozzjoni kntinwa fuq il-mezzi tax-xandir ħalli l-attivita li ser tittella f'isem il-Kunsill ta' Ħal Tarxien rigward ir-riċiklaġġ tat-tessuti tkun suċċess. Din hemm il-ħsieb li ssir quddiem il-Kunsill stess u għaldaqstant talab biex ikun hemm *No parking* temporanjament waqt l-attivita.

**Paul Farrugia**. Is-Sindku spjega li għal dan ix-xahar kellu attivita ġewwa r-Rainbows Football Club. Huwa kompla wkoll iħeġġeġ lill Kunsilliera biex jitqassmu l-flyers tal-attivita li ser issir tal-inawgurazzjoni tax-xelter tal-gwerra ħalli r-residenti jkunu nfurmati bl-attivita. F'dan ir-rigward il-Kunsilliera kollha qablu u ħadu l-imsemmija flyers biex iqassmuhom huma stess fiż-żona tagħhom. Għal dan is-Sindku rringrazzja lill kulħadd tal-kollaborazzjoni.

***Ħwejjeġ Oħra.***

**Approvazzjoni tat-tieni Quarterly Report għas-sena 2012**

Wara spjegazzjoni tat-tieni quarterly report mis-segretarju tal-Kunsill, dan tressaq għall-approvazzjoni. Ir-rapport ġie approvat unanimament. It-Tieni - Quarterly Report

7 **Ħatra ta'Segretarju Eżekuttiv Ġdid.**

Billi s-segretarju eżekuttiv Frans Chircop intgħażel biex jibda jaħdem fil-Kunsill Lokali ta'San Pawl il-Baħar, deher l-avviż ħalli jintgħażel segretarju ġdid għall-Kunsill ta' Ħal Tarxien - kif hemm stipulat f'Memo 4/2012. F'dan ir-rigward ser isir bord tal-għazla nhar it-Tnejn 24 ta' Settembru fis-1300 ġewwa l-Kunsill. Għall dan il-bord ser jattendu, s-Sindku Paul Farrugia, l-Viċi Sindku Frans Agius, Ishmael Dalli u Doris Vella u Keith Darmanin, flimkien mas-segretarju Frans Chircop. Hatra ta'Segretarju.

Il-laqgħa spiċċat fis- 8.35 u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 26 ta'Settembru 2012 fil-5.30pm. Aġġornament.

**Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ**
**Kav u Sindku**

**Frans Chircop** LIMIS,MBA,MPHIL
**A/ Segretarju**